# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## CITTÀ FERDINAND

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## SEDUTA NRU 217 – Il-Ħamis, 18 ta' Marzu 2010

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu, 20, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fil-5:30pm.

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci ippresieda.

### PREŻENTI

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera Rita Psaila
Il-Kunsillier Joseph Sammut
Il-Kunsillier Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo

Uffiċċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 216 ikunu approvati bħala dokument korrett.

Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondat.

Il-Kunsill unanimament qabel li japprova dan id-dokument bħala wieħed korrett.

## 2. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

### 2.1 *Ground* tal-*Football*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li d-Direttur tal-Gvern Lokali kien għadda d-dokument ta' ftehim lid-Dipartiment tal-Artijiet li sa issa kienu għadhom ma wieġbux.

### 2.2 Talba għal Traffic Calming Measure fi Triq il-Kbira

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien kiteb lir-residenti u ma kien daħal l-ebda ilment jew suġġeriment dwar din il-materja.

Is-Sindku ippropona li għandu jsir traffic calming measure kif propost fis-seduta preċedenti.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu

### 2.3 Talba mis-Siggiewi Festival Brass Band.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kkomunika mas-Segretarju tas-Siggiewi Festival Brass Band u talbu jispeċifika għal-liema mozzjoni kien qed jirreferi. Dan għaliex, kompla jgħid is-Segretarju Eżekuttiv, minn tfittix li għamel, kien għadu ma sab l-ebda mozzjoni li tikkorispondi mal-materja.

Sas-seduta, kienet għada ma wasslet l-ebda tweġiba mis-Siggiewi Festival Brass Band.

### 2.4 Perit dwar iċ-Ċentru Ċiviku

Il-Viċi-Sindku informa lill-Kunsill li llum instema' l-appell dwar l-aġudikazzjoni, u d-deċiżjoni hija mistennija li tittieħed fil-ġimgħat li ġejjin.

### 2.5 Proposta dwar gwida għall-parkeġġ fi Triq is-Salib.

Il-Viċi-Sindku rtira mis-seduta peress li huwa l-konsulent legali ta' wieħed mill-persuni nvoluti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li Dr Karol Aquilina nfurmah li kien għadu qed jipprova jkellem lill-persuni kkonċernati u li kien ser jagħti tweġiba definittiva sas-seduta li jmiss tal-Kunsill.

### 2.6 Jum is-Siġġiewi

Il-Viċi-Sindku qal li l-esperiment li sar din is-sena li kien jinvolvi numru ta' attivitajiet, jidher li rnexxa. Rigward il-wirja tal-pittura, l-Viċi Sindku qal li l-aktar problema kienet l-aċċessibiltà tal-post magħżul. Il-Viċi Sindku qal li jemmen li l-attività ta' tindif għandha tkun koordinata aħjar.

## 3. FINANZI

### 3.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti, barra dawk relatati mal-Kumitat Konġunt, jiġu approvati kif inhuma.

Il-Kunsillier Joseph Sammut issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Sindku ressaq għall-vot il-ħlasijiet relatati mal-Kumitat Konġunt. L-eżitu kien:
Voti Favur: 6
Voti Kontra: 0
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina astjena.

# 4. KUNTRATTI

**4.1 Cleaning and Attendance of Public Conveniences (LCS 2/10)**

Is-Sindku qal li kien hemm tliet offerti u ippropona li tingħata lill-irħas waħda iġifieri lis-sur Wilson Mifsud.

Il-Kunsillier Nikol Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.2 Boroż recycling (LCS 53/9)**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienet daħlet l-ebda offerta. Huwa fakkar li din l-offerta kienet diġà ħarġet darb'oħra u bħal ma ġara f'dan il-każ ħadd ma kien tefa' offerta. Fid-dawl ta' dan huwa qal li kien se jikkomunika mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex tingħata direzzjoni.

**4.3 Kuntratt Planting of public spaces u kuntratt pavements**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li minkejja li kien kiteb lil dawn il-kuntratturi biex iġeddu jew jagħmlu l-garanzija bankarja tagħhom, dawn kienu għadhom ma kkonformawx. Huwa qal li kien se jerġa' jiktibilhom għall-aħħar darba u jekk ma jweġbux sal-Ġimgħa 26 ta' Marzu, ikun hem mil-ħtieġa li dawn iż-żewġ kuntratti jiġu mwaqqfa u toħroġ sejħa oħra għall-offerti.

# 5. MOZZJONIJIET

**5.1 Mozzjoni dwar inkonvenjent fi Triq Wied Xkora**

Il-Kunsillier Nicholas Cassar ressaq din il-mozzjoni issekondata mill-Kunsilliera Rita Psaila.

"Qed inressaq din il-mozzjoni wara diversi ilmenti mir-residenti mhux biss ta' Triq Monsinjur Mikiel Azzopardi, iżda mis-Siġġiwin kollha għaliex kulħadd jgħaddi minn hemm.

"L-ilment ġustifikat li qegħdin jagħmlu huwa dwar l-ammont kbir ta' trakkijiet telgħin u neżlin bla ma jaqtgħu xejn lejn b'barriera fi Triq Wied Xkora, b'materjal tla-kostruzzjoni u qegħdin jagħmlu ħafna ħsejjes u dħaħen.

"Dan barra l-materjal li qegħdin iwaqqgħu fi triq li għada kif ġie asfaltata u li qed tkun ta' dannu għal manteniment tat-triq.

"Għalhekk f'isem il-Kunsill qed nitolbu lill-MEPA biex tinterveni u twaqqaf jew trażżan dan l-abbuż."
Il-Kunsillier Cassar appella biex tinstab soluzzjoni għal dan l-inkonvenjent.

Il-Viċi-Sindku irrimarka li meta fl-2008 kienet wasslet l-applikazzjoni, huwa kien talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jikteb lill-MEPA sabiex din tinkludi numru ta' kundizzjonijiet fil-permess. Jidher li l-permess tiegħu ħareġ biex ikun jista' jsir rimi ta' skart fil-barriera.

Is-Sindku qal li fiċ-ċirkustanzi urġenti tal-każ kellu jqabbad warden għal diversi jiem biex jitrażżan l-abbuż. Għalkemm jidher li dawn l-abbużi naqqsu, is-Sindku kompla jgħid li ma jidher li hemm xejn aktar x'nistgħu nagħmlu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li daħal numru sostanzjali ta' ilmenti għaliex il-wardens bdew jagħtu ċitazzjonijiet mhux biss lit-trakkijiet imma lil kull min kien qed iwettaq kontravenzjoni.

Il-Viċi-Sindku staqsa kif kienet ittieħdet deċiżjoni dwar il-wardens mingħajr ma kien hemm deċiżjoni tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku qal li din id-deċiżjoni kienet tmur kontra dak li l-Kunsill kien iddeċieda dwar l-użu tal-wardens fis-Siġġiewi matul is-snin li għaddew.

Is-Sindku wieġeb li ħa dan il-pass waħdu għax is-sitwazzjoni bdiet tiggrava kuljum.

Il-Viċi-Sindku qal li mhux qed jgħid li d-deċżjoni hija waħda żbaljata imma li l-Kunsill ma kienx infurmat. Huwa qal li s-Sindku seta' faċilment jsejjaħ laqgħa urġenti tal-Kunsill sabiex flimkien tittieħed deċiżjoni fl-aħjar interess tar-residenti. Il-Viċi Sindku qal li f'dan il-każ la hu u lanqas ebda wieħed mill-Kunsilliera ma kien infurmat bid-deċiżjoni. Il-Viċi Sindku qal li kieku ssejħet laqgħa urġenti huwa kien iressaq proposta differenti dwar kif għandha tissolva l-problema, kif fil-fatt sejjer jagħmel.

Il-Viċi Sindku ppropona li għal matul il-ġimgħa ta' wara il-wardens jintalbu joqgħodu fi Triq Wied Xkora u ċjoè eżatti quddiem id-daħla minn fejn jinsabu deħlin u ħerġin it-trakkijiet bil-materjal u li fil-jiem li għaddew kienu qegħdin jikkawżaw inkonvenjent kbir. Il-Viċi Sindku qal li l-proposta tiegħu tkun tfisser li l-wardens mhux ser jitħallew fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi iżda ser jikkonċentraw biss fuq dak li qed iseħħ fi Triq Wied Xkora.

Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda u l-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jikteb ittra b'Avukat lill-kuntrattur u nżommuh responsabbli għat-tindif tal-ispillage.

## 5.2 Mozzjoni dwar Għar Lapsi

Il-Kunsillier Nicholas Cassar ressaq din il-mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier Jesmond Tanti.

"Qiegħed inressaq din il-mozzjoni dwar Għar Lapsi, wara l-maltemp u l-ħsara li saret b'konsegwenza ta' dan. Minkejja li l-Kunsill Lokali se jirranġa parti mill-ħsarat, madankollu l-aktar li qed jinkwieta lill-poplu tas-Siġġiewi hu l-fatt lib lat kbir waqa' minn dawn l-inħawi, fosthom fil-passaġġ li jagħti għall-għar il-kbir, fejn issa li ġej is-sajf jidħlu jistkennu n-nies mill-qilla tax-xemx, u oħrajn li jippreferu joqgħodu jixxemmxu fuq il-bankina aħna u neżlin it-taraġ fejn hemm ukoll waqgħet blata kbira.

"Fl-isfond ta' dan kollu li ġara, qed nitllob lill-Gvern Ċentrali, li għandu nies esperti fuq din il-materja jinżlu jispezzjonaw dan il-blat u s-sit sabiex jaraw jekk hemmx ħtieġa li ssir xi ħaġa sabiex dawk kollha li fis-sajf jiġu jgħumu fil-bajja ta' Għar Lapsi, jkunu moħħhom mistrieh minn dan il-periklu eżistenti."

Is-Sindku qal li għandna niktbu lid-Direttur Ġenerali tat-Taqsima tax-Xogħlijiet.

Il-mozzjoni kienet approvata b'mod unanimu.

# 6 HWEJJEĠ OHRAJN

### 6.1 Weekend Break

Il-Kunsilliera Rita Psaila ipproponiet li f'April issir attività kulturali li tieħu forma ta' weekend break u li din tkun self-financed.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 6.2 Parteċipazzjoni fl-Interreg

Is-Sindku ippropona li bil-għajnuna tal-Konsulent Alfred Triganza, nipparteċipaw fl-Interreg bħala partners fi proġett ta' eko-turiżmu.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 6.3 ERDF – proġett Pjazza

Wara li l-Kunsill sema' s-suġġerimenti tas-sur Triganza, is-Sindku ippropona li ma' din l-applikazzjoni għandna ninkludu l-eżerċizzju ta' branding turistiku għas-Siġġiewi, u nużaw is-servizzi tas-sur Triganza biex jintlaħaq dan il-għan.

Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 6.5 Talba mill-gabbani tal-Festa

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm talba minn diversi sidien ta' gabbani biex jiltaqgħu mal-Kunsill dwar din il-materja.

Il-Viċi-Sindku qal li għandna nitolbuhom li jibgħatulna bil-miktub x'inhuma r-raġunijiet jew oġġezzjonijiet dwar l-arranġamenti ġodda.

Is-Sindku qal li għandna niltaqgħu magħhom fis-seduta li jmiss.

**6.6 Triq biswit il-Ground tal-Football**

Il-Viċi-Sindku qal li din it-triq li tagħti għal Wied Ħesri hija mimlija ħmieġ u qed issir ħsara ambjentali għax qed tintuża minn sidien ta' vetturi biex jagħmlu *off-roading*. Hu ippropona li titnaddaf u ssir talba lill-ADT biex isir bollard.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**6.7 Għeluq tal-Pjazza f'Ħamis ix-Xirka**

Il- Viċi-Sindku ippropona li minħabba li l-Għaqda tal-Armar b'kollaborazzjoni mal-Kunsill se jagħmlu l-fjakkolata fil-pjazza, din għandha tingħalaq għat-traffiku mis-7:00pm 'il quddiem.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.8 Sqaq ħdejn iċ-Ċimiterju ta' San Teodoru**

Il-Kunsillier Joe Sammut staqsa għaliex dan l-isqaq ma saritx tiswija ta' patching f'dan l-isqaq.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan ma ġiex inkluż fix-xogħlijiet għaliex kien hawn l-impressjoni li dak huwa sqaq privat. Is-Sindku qal li l-Kunsillier Sammut għandu jġib id-dikjarazzjoni tad-Dipartiment tal-Artijiet u jekk dan hu sqaq pubbliku jsiru t-tiswijiet meħtiega.

**6.9 Traffic calming measure fi Triq San Teodoru kantuniera ma' Bur il-Kbir**

Il-Kunsillier Joe Sammut irrimarka li billi l-mirja tkissru kemm-il darba, għandha ssir traffic calming measure f'dan il-post.

Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondiet.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara din is-seduta bħala magħluqa fis-7:00pm u ippropona li s-Seduta li jmiss titlaqqa' **il-Ħamis, 15 ta' April, 2010** fil-5:30pm**.** Il-Kunsilliera aċċettaw b'mod unanimu.

Il-Perit Robert Musumeci
Sindku

Nikol Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv

Konfermati llum il-Ħamis, 18 ta' Marzu, 2010